

Kliem jew ċifri?

Aħna marbutin bir-regoli li ġejjin irrispettivament minn xi jkun kiteb l-awtur tat-test oriġinali.

- a. In-numri **minn wieħed sa disgħa** jinkitbu bħala **kliem**, filwaqt li **minn 10 'l fuq** jinkitbu **bħala ċifri**.
Jekk ikollna **taħlita tat-tnejn**, jiġifieri frażi li tinkludi n-numru disgħa (jew inqas) u ieħor akbar, jinkitbu **kollha ċifri**.
EN: from 7 to 14 members > MT: minn **7** għal **14**-il membru
- b. Fil-GS1 bil-Malti hemm ukoll regola li tgħidilna biex **ma' kwantitajiet u kull forma oħra ta' kejl**, nużaw **dejjem iċ-ċifri**, irrispettivament minn jekk il-kwantità/kejl ikunx inkiteb fil-forma sħiħa inkella mqassra: 14 cm; 14-il ċentimetru; 7 xhur; 3 tomniet.
Dik ir-regola maż-żmien se tinbidel kif ġej: **in-numri minn 1 sa 9 niktubhom bħala ċifra meta jkollna sekondi, minuti, sigħat, jiem, ġimgħat, xhur u snin. Imma niktubhom bħala kelma meta jkollna deċennji u sekli.**
- ċ. Jekk se tibda sentenza b'numru, dan iktbu bħala kelma.
- d. Hawnhekk, in-numru jinkiteb **bħala kelma**:
Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-**għoxrin** jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dawn huma regoli interistituzzjonali, deċiżi minn dawk li jfasslu gwida tal-istil komuni għall-pubblikazzjonijiet tal-UE.